

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Weberndörfer, aġent)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord ta' l-Appell ta' l-UASI: Compañía Roca Radiadores, SA (Barċellona, Spanja)

Suġġett

Rikors imressaq kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord ta' l-Appell ta' l-UASI tad-19 ta' Ġunju 2007 (Każ R 850/2006-4) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Grohe AG u Compañía Roca Radiadores, SA.

Dispożittiv

- 1) M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) Ir-rikorrenti hija kkundannata tbat i-ispejjeż tagħha u dawk tal-konvenut.

(¹) ĠU C 235, 6.10.2007.

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-17 ta' April 2008 — Dimos Kerateas vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-372/07) (¹)

(“Rikors għal annullament — Terminu — Inammissibbiltà”)

(2008/C 171/69)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Partijiet

Rikorrent: Dimos Kerateas (il-Greċja) (rappreżentanti: A. Papakonstantinou u M. Chaintarlis, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: D. Triantafyllou u A. Steiblyté, aġenti)

Suġġett

L-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2004) 5611, tat-22 ta' Diċembru 2004, dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja mill-Fond ta' Koeżjoni għall-Proġett ta' immaniġġjar ta' l-iskart solidu fir-reġjun ta' Attika (il-Greċja).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Dimos Kerateas huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 283, 24.11.2007.

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-18 ta' Frar 2008 — Earth Products vs UASI — Meynard Designs (EARTH)

(Kawża T-389/07) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Rifjut ta' reġistrazzjoni — Irtirar ta' l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2008/C 171/70)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Earth Products Inc. (Carlsbad, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. Graf, avokat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord ta' l-Appell ta' l-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza: Meynard Designs Inc. (Waltham, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: E. Cornu u E. De Gryse, avocats)

Suġġett

Rikors imressaq kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell ta' l-UASI tad-9 ta' Awwissu 2007 (Każ R 1590/2006-2) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Meynard Designs Inc. u Earth Products Inc.

Dispożittiv

- 1) M'għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

(¹) ĠU C 297, 8.12.2007.